MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-11 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 5/2005/1

**Emanuel Camilleri u Martu Mary Camilleri**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell tal-Kummissarju tal-Artijiet u tal-Avukat Generali minn sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Gunju 2005.

2. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza – kawza li tirrigwarda t-thaddim tal-Kapitolu 228 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att dwar Zgumbrament minn Artijiet) u in partikolari l-Artikolu 3 tieghu, huma bazikament is-segwenti: Emanuel Camilleri u martu Mary kienu ilhom tletin sena jokkupaw fond bin-numri 45, 46 u 47 fi Triq San Gwann, Siggiewi. Skond ir-rikors promotorju *“…huma ilhom joqghodu bhala unika residenza taghhom u ta’ uliedhom fil-fond 47 St John Street, Siggiewi, u dan bhala bieb principali stante li l-istess bini ghandu l-bibien 45 u 46 fl-istess triq, u l-ambjenti kollha jinfdu ma’ xulxin. Illi originarjament il-fond in kwistjoni kien mikri lil Antonio Pace illum mejjet, li bil-kunsens tas-sidien precedenti u l-Kurja Arciveskovili u precisament tal-kanoniku li kien jigbor il-kera, il-familja Camilleri dahlet fil-fond in kwistjoni u baqghet tigi accettata l-kera. Huma kienu jiehdu hsieb l-imsemmi Antonio Pace u baqghu jghixu mieghu sal-mewt, u wara mewtu bdew ihallsu lill-‘Joint Office’.”* Skond l-istess rikors, wara li l-proprjeta` ghaddiet f’idejn il-Gvern, dan beda jitlobhom li johorgu *“…minn parti li kienet id-dar taghhom.”* Il-konjugi Camilleri isostnu li huma dejjem kellhom access u uzu tal-ambjenti kollha ta’ l-imsemmi fond li ghandu bit-tlett numri aktar ‘l fuq imsemmija, u dan peress li l-ambjenti huma mniffdin kamra taghti ghall-ohra[1]; huma ma kellhomx access u uzu biss ghall-kamra 45 li hi remissa, li din ukoll hija mniffda mal-bitha. Skond l-affidavit ta’ Emanuel Camilleri a fol. 15 – li, ghandu jinghad, flimkien mar-ritratti minnu ezibiti ma l-istess affidavit, hija <u>l-unika prova</u> migjuba mill-partijiet f’din il-kawza – fit-8 ta’ Novembru 2004 huma rcevew ordni ta’ zgumbrament taht il-firma tal-intimat (appellant odjern) Kummissarju tal-Artijiet. Dan l-ordni, mahrug bis-setgha tal-Kap. 228, kien ighid hekk: *“Sinjur, Bis-sahha ta’ dan l-ordni inti qieghed tigi moghti <u>tlett ijiem</u> min-notifika tal-prezenti biex tizgombra mill-post li qieghed 45 u 47 Triq San Gwann, Siggiewi, li huwa okkupat minnek, u biex tnehhi minn hemm l-oggetti kollha li ghandek. Fin-nuqqas, l-oggetti kollha li ghandek ser jigu mnehhija mill-Gvern a spejjez tieghek. Barra minn hekk id-Dipartiment qieghed*

[1] Ara r-ritratti ezibiti ma’ l-affidavit ta’ Emanuel Camilleri a fol 19 sa 20 tal-atti.

*jirriserva d-dritt ghal kumpens ta' okkupazzjoni, sakemm jigi zgumbrat il-post imsemmi"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Fl-affidavit tieghu Emanuel Cammileri jghid li wara xi granet gew xi nies u bdew jaqsmu l-bitha billi jtellghu hajt divizorju. Fir-rikors promotorju l-appellanti jallegaw li l-Kap. 228 jivvjola l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, kif ukoll l-Artikoli 14 u 8 tal-istess Konvenzjoni, u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll taghha. Ghalhekk huma talbu li l-Prim Awla (i) tiddikjara li l-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta jivjola l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Artikolu 6(1), u l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' l-istess Konvenzjoni, u ghalhekk huwa null u bla effett, (ii) tiddikjara li l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet, fil-kaz in dizamina, jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u ghalhekk l-istess ordni mahrug minnu hija nulla u bla effett, u ghandha titqies bhala mhux maghmula u kancellata, (iii) taghti kull rimedju iehor opportun, inkluz il-hlas ta' danni ghall-vjolazzjonijiet imsemmija, u (iv) taghti immedjatament ordni lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jiddesisti bla pregudizzju sakemm tigi deciza din il-vertenza biex hekk ma ssirx vjolazzjoni ohra, u cioe` li l-esponenti ma jkollhomx rimedju effettiv mill-awtoritajiet nazzjonali u dan skond l-Artkolu 13 tal-istess Konvenzjoni.

3. Ir-rikors promotorju gie ppresentat fl-4 ta' Frar 2005. F'dik l-istess gurnata l-Prim Awla ordnat provvizorjament lill-intimat (presumibbilment lill-Kummissarju ta' l-Artijiet) sabiex ma jezegwix l-ordni ta' zgumbrament fil-konfront tar-rikorrenti u dana sakemm tigi deciza l-vertenza jew sakemm ikun hemm ordni iehor mill-Qorti. B'sentenza moghtija fit-23 ta' Gunju 2005 dik il-Qorti iddisponiet mill-kawza billi pprovdiet hekk: *"…tilqa t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 228 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att XIV tal-1972, kif emendat, dwar Zgumbrament mill-Artijiet, jivvjola l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-bneidem u Libertajiet Fondamentali, inkorporat fil-Ligi Maltija bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), u kwindi huwa null u bla effett, u tqis ukoll nulla u bla effett l-ordni li hareg il-*

*Kummissarju tal-Art taht l-istess ligi fl-konfront tar-rikorrenti, u qed tigi, ghaldaqstant, kancellata. Il-Qorti tordna li kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati biex din tirregola ruhha skond il-ligi. L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati"*; u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi jirrizulta illi r-rikorrenti jirrisjedu fil-fondi *45, 46* u *47, Triq San Gwann, Siggiewi*, liema fondi jinfdu ma' xulxin. Originarjament, dawn kienu okkupati minn certu Antonio Pace li kien jokkupahom b'titolu ta' lokazzjoni minghand il-Kurja Arciviskovili ta' Malta. F'xi zmien ir-rikorrenti dahlu jghixu ma' Antonio Pace, skond huma, bil-kunsens tar-rapprezentant tal-Kurja. Il-kera baqghet tigi accettata, u r-rikorrenti baqghu jghixu fil-post anke wara l-mewt ta' Antonio Pace. Eventwalment dawn il-fondi ghaddew f'idejn il-Gvern, bis-sahha ta' ftehim milhuq bejn il-Gvern ta' Malta u l-awtoritajiet Eklesjastici; dan il-ftehim kien gie inkorporat fl-Att Dwar il-Proprjeta` ta' Entijiet Ekklesjastici, numru IV tal-1992 (illum Kapitolu 358 tal-Ligijiet ta' Malta).

"Wara li l-proprjeta` ghaddiet f'idejn il-Gvern, il-kera baqghet tithallas lill-*Joint Office*, li huwa ufficcju kongunt bejn l-awtoritajiet civili u dawk ekklesjastici mahluq bl-iskop li jissorvelja u jamministra l-proprjeta` milquta b'dik il-ligi. Il-Kummissarju tal-Art, il-proprjetarju l-gdid ta' din il-proprjeta`, wara li wasal biex jezamina c-cirkustanzi tal-kaz, deherlu li r-rikorrenti ma kienx ghad fadalhom titolu biex jibqghu *in okkupazzjoni* tal-proprjeta` jew parti minnha, u wara li nvoka l-provvedimenti tal-Kapitolu 228 tal-Ligijiet ta' Malta (L-Att dwar Zgumbrament minn Artijiet) huwa hareg ordni ta' zgumbrament.

"Dak l-att, wara li jipprovdi li l-kelma *"art"* tfisser kull art jew bini proprjeta` ta' jew amministrata mill-Gvern, tghaddi biex taghti s-setgha lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jizgombra lil kull min hu jidhirlu li qed jokkupa art tal-Gvern minghajr ebda titolu. L-artikolu rilevanti, l-artikolu 3, jipprovdi dan li gej fis-subartikoli (1) u (2) tieghu:

*"3. (1) Il-Kummissarju, jekk fil-fehma tieghu jkun hekk mehtieg jew spedjent li jaghmel, jista' fid-diskrezzjoni*

*assoluta tieghu jordna l-izgumbrament ta' kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna minghajr ebda titolu jew li tkun moghtija b'encroachment jew, f'kaz ta' art li minn zmien ghal zmien tkun giet specifikata skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, meta jkun skada l-perjodu ta' zmien specifikat f'kuntratt li jkun jaghti titolu, u t-tnehhija minn hemm ta' kull oggetti mobbli, fi zmien specifikat li jinghata fl-ordni u jista' ghal dak il-ghan jaghti dawk id-direttivi li fil-fehma tieghu jkunu mehtiega biex kull ordni bhal dak jigi ezegwit bl-anqas dewmien possibbli:*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 535 tal-Kodici Civili ma jkunux japplikaw ghal ordnijiet ta' zgumbrament mahrugin skond is-subartikolu (1):*

*Izda wkoll ordni ta' zgumbrament li jkun gie hekk mahrug m'ghandux jikkostitwixxi ezercizzju arbitrarju ta' drittijiet pretizi skond l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.*

*(2) Jekk l-okkupant ta' xi art bhal dik ma jharisx l-ordni fiz-zmien hekk specifikat, il-Kummissarju jista' jordna lil kull ufficjal tal-Pulizija li ma jkunx taht il-grad ta' spettur biex jiehu dawk il-passi u juza dik il-forza li fil-fehma tieghu jkunu ragonevolment mehtiega biex jigi zgurat it-tharis ta' l-ordni u ta' kull direttivi moghtija skond l-ahhar subartikolu qabel dan u ghat-tnehhija minn dik l-art ta' kull oggetti mobbli li jkunu jinsabu fiha".*

"Dan l-artikolu jaghti diskrezzjoni wiesgha hafna lill-Kummissarju tal-Artijiet biex, meta jhoss il-htiega, jaghti ordni ta' zgumbrament lil kull persuna minn kull art. Jekk l-okkupant ma jharisx din l-ordni, hu jista' jigi mgieghel johrog mill-proprjeta` bl-ghajnuna ta' ufficcjal tal-Pulizija. Din l-ordni tinhareg fuq l-awtorita` tal-Kummissarju tal-Pulizija [recte: tal-Artijiet], u l-ligi ma tipprovdix mod ta' kif tali ordni tista' tigi attakkata jew *challenged* quddiem qorti indipendenti u imparzjali.

"Ir-rikorrenti, li gew notifikati b'tali ordni, qed jallegaw li l-hrug ta' dik l-ordni, u l-Kap. 228 innifsu, jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti bl-Att dwar il-

Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Dan l-att jinkorpora fis-sistema Malti l-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

“Ir-rikorrenti, specifikatament, jallegaw li dak l-att imur kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (li jaghti dritt ta’ smiegh imparzjali u pubbliku fiz-zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf bil-ligi fid-decisjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi ta’ kull cittadin), jikser ukoll l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni (li jipprovdi li t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni), jinvjola l-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni (li jghid li kullhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu), u jmur kontra l-artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea (li tipprovdi li kull persuna ghandha dritt ghat-tgawdija tal-possedimenti taghha).

“Fil-kuntest tal-Artikolu 6, ir-rikorrenti jilmentaw li, kif inhi miktuba l-ligi, il-poter gudizzjarju huwa eskluz ghal kollox, u l-persuna li tkun tirrisjedi f’bini jew art tal-Gvern, anke jekk tallega li jkollha titlu, m’ghandha l-ebda rimedju biex jigi dikjarat li, fil-fatt, ghandha titolu u m’ghandhiex titkecca.

“Fuq dan l-artikolu, inghad fil-kawza Delcourt, decisa mill-Qorti Ewropea fis-17 ta’ Jannar, 1970;

*“In a democratic society within the meaning of the Convention, the right to a fair administration of justice holds such a prominent place that a restrictive interpretation of article 6(1) would not correspond to the aim and the purpose of that provision”.*

“L-importanza ta’ dan l-artikolu johrog mill-fatt li l-amministrazzjoni tal-gustizzja hija wiehed mit-tlett strutturi tad-demokrazija, u fil-waqt li c-cittadin huwa prekluz milli jiehu l-ligi f’idejh, fl-istess hin ghandu jistenna rimedji *opportuni* u accessibilita` ghall-ilmenti tieghu quddiem il-Qrati tal-pajjiz.

“Fil-fatt, kif josservaw van Dijk u van Hoof, fil-ktieb *“Theory and Practice of the European Convention on Human Rights”*, (Tielet Edizzjoni, pagna 418).

*“Article 6(1) not only guarantees procedural remedies in relation to judicial proceedings, but also grants a right to judicial proceedings for the cases mentioned in this article: the right of access to court. This right has not been laid down in express terms in article 6. Its first paragraph only refers to entitlement to a fair and public hearing by a court, leaving it unclear whether this entitlement only exists where judicial proceedings have been provided for under domestic law, or implies – or rather presupposes – a right to such judicial proceedings.This unclarity was lifted by the Court in its Golder judgement. (21st February, 1975). There the Court held that article 6 must be read in the light of the following two legal principles:*

*(1) the principle whereby a civil claim must be capable of being submitted to a judge, as one of the universally recognized fundamental principles of law; and*
*(2) the principle of international law which forbids the denial of justice”.*

“Isegwi, li meta hemm kwistjoni dwar id-drittijiet u obbligi civili tac-cittadin, dawn id-drittijiet u obbligi jridu jigu decizi mhux minn parti wahda fil-kwistjoni, izda min Qorti indipendenti w imparzjali. Applikat dan il-principju ghal dan il-kas, ifisser li jekk il-Kummissarju tal-Art ihoss li hemm persuna bla ebda titolu *in okkupazzjoni* ta’ art jew bini tal-Gvern, jekk din il-pretensjoni tkun kontestata mill-okkupant, id-decizjoni dwar jekk fil-fatt l-okkupazzjoni hijiex bla titolu, trid tittiehed mhux mill-Kummissarju stess, izda minn Qorti imwaqqfa bil-ligi li jkollha l-possibilita` li tisma’ l-provi kollha rilevanti, konsistenti mal-principji ta’ gustizzja naturali, u wara taghti s-sentenza taghha fuq il-materja. Fil-ligi in kwistjoni, l-okkupant zgumbrat fuq ordni tal-Kummissarju, ma inghata ebda dritt jikkontesta l-allegazzjoni li hu jinsab *in okkupazzjoni* bla titolu, u, anzi, il-Kummissarju gie moghti l-poter li jaghti dawk id-direttivi kollha mehtiega biex l-ordni tieghu tigi ezegwita bl-anqas dewmien possibbli.

"L-intimati jallegaw li kull decizjoni li jiehu l-Kummissarju tista' tigi kontestata quddiem il-Qrati bil-proceduri ta' *judicial review of administrative action*. Dan, pero`, mhux rimedju effettiv, ghax Qorti aditta b'din il-kompetenza ghandha gurisdizzjoni limitata, u m'ghandhiex gurisdizzjoni tiddeciedi hi fuq il-fatti tal-kaz. F'kaz ta' *judicial review* il-Qorti tista' tara jekk gewx segwiti l-principji ta' gustizzja naturali u jekk l-ezercizzju tal-poter moghti sarx fit-termini tal-ligi, ghal skop ragjonevoli u wara li ittiehed kont tac-cirkustanzi kollha rilevanti tal-materja; il-Qorti, pero`, ma tistax tisostitwixxi d-diskrizzjoni taghha ghal dik ezercitata minn min ikollu dak is-setgha. Fil-ktieb fuq indikat ta' van Dijk u van Hoof jinghad, fil-fatt, (op. cit. pagna 419) li:

*"The right to access has its full meaning only if the court concerned has full jurisdiction to determine the case before it. This means, that the court must have competence to judge both on the facts and on the law as a basis of its determination"*.

"Din il-Qorti ma taqbilx li r-rimedju ta' *judicial review* jaghti rimedju adegwat u effettiv ghal min jigi mcahhad mill-pussess ta' art tal-Gvern, u dan peress li f'kaz ta' *review*, xorta wahda jibqa' l-kaz li d-determinazzjoni tad-drittijiet civili tal-okkupant tkun qed issir minn parti fil-kwistjoni u mhux minn Qorti indipendenti. Bir-*review*, il-Qorti tara li min ikun ha d-decizjoni jkun segwa certi principji, impenja mohhu ghal-ghan tal-poter moghti lilu u li ha in konsiderazzjoni dak li hu rilevanti u xejjen kull konsiderazzjoni irrilevant; id-decizjoni, pero`, xorta jehodha hu. Hawnhekk, mhux kaz ta' decizjoni amministrattiva, izda materja li tolqot direttament id-dritt ta' cittadin li jibqa' *in okkupazzjoni* ta' art jew bini li ma jkunx okkupa klandestinament jew bi vjolenza. Il-fatt li parti wahda fil-kwistjoni hija l-Gvern ma jbiddilx is-sitwazzjoni ghax kif gie diversi drabi rimarkat minn guristi fil-materja, la fil-Konvenzjoni u lanqas fit-*travaux préparatoires* taghha ma hemm indikazzjoni li dan id-dritt hu riservat biss ghal-kaz ta' *"rights and obligations of a private law character"* (ara f'dan is-sens il-kaz Ringeisen,

decis mill-Qorti Europea fis-16 ta' Lulju, 1971). Biex tigi determinata il-kwistjoni jekk persuna ghandhiex dritt jew le li tibqa' *in okkupazzjoni* ta' fond, il-materja trid tigi deciza minn Qorti indipendenti li jkollha s-setghat kollha tinvestiga l-fatti tal-kaz. Dan il-punt kompla gie amplifikat mill-awturi van Dijk u van Hoof (op. cit. pagna 420), meta, b'riferenza ghal gurisprudenza tal-Qorti Ewropea osservaw:

*"The right of access to court means that the person concerned not only has a right to apply to a court for the determination of his rights or obligations and to present his case properly and satisfactory, but – as mentioned before – also has a right to it that there is an independent and impartial court to make this determination; otherwise his right of access is not secured. In addition, that court must have the required jurisdiction to make the determination. Thus, in the cases of W, B and R v. the United Kingdom the Court held that, although the parents could apply for judicial review or institute wardship proceedings and thereby have certain aspects of the authority's access decisions examined by an English court, during the currency of the parental resolutions the court's powers were not of sufficient scope to fully satisfy the requirements of Article 6(1), as they did not extend to the merits of the matter. And in the Obermeier Case the Court held that there had been a violation of the right of access to court, since the court in question could only determine whether the administrative authorities had exercised their discretionary power in a way compatible with the object and purpose of the applicable law".*

"Minn dan ghandu jsegwi b'mod car, li l-okkupant ta' art tal-Gvern irid jigi provdut b'access ghall-Qorti fejn il-materja *in dispute* tkun tista' tigi determinata. Jekk ir-rikorrenti, f'dan il-kaz, ghandhomx jew le titolu fuq il-proprjeta` in kwistjoni, u f'kaz affermattiv, l-estensjoni ta' dak it-titolu, irid jigi determinat biss mill-Qorti b'gurisdizzjoni wiesa' li tiddeciedi kemm fuq il-ligi kif ukoll fuq il-fatti (ara l-kaz Benthem deciz mill-Qorti Ewropea fit-23 ta' Ottubru, 1985).

“Il-Qorti, ghalhekk, tqies li l-artikolu 3 tal-Kap. 228 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu ma jipprovdix ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni hemm inqanqla minn Qorti indipendenti w imparzjali, jivvjola l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u bhala tali ghandu jigi dikjarat null u bla effett. La darba l-Qorti waslet ghal-din il-konkluzjoni, mhux mehtieg li jigi trattatat jekk il-ligi *in kwistjoni* tivvjolax xi jedd iehor protett mill-istess Konvenzjoni.”

4. Minn din is-sentenza appellaw kemm il-Kummissarju ta’ l-Artijiet kif ukoll l-Avukat Generali. Huma jillanjaw li l-ewwel Qorti ma ghamlitx ezami korrett ta’ l-Artikolu 3 tal-Kap. 228. Skond l-appellanti, ir-rikorrenti appellati kellhom dritt ta’ access ghal Qorti fis-sens u ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huma jikkontendu illi *“…bejn l-ordni mahrug mill-Kummissarju ta’ l-Art u l-ezekuzzjoni taghha, hemm periodu ta’ zmien li fih kwalunkwe okkupant li jhossu aggravat bl-ordni mahruga mill-Kummissarju ta’ l-Art jista’ jivvanta kwalunkwe azzjoni possessorja spettanti lilu mill-ligi, inkluz it-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, biex iwaqqaf lill-Kummissarju tal-Art milli jkompli bl-agir fil-konfront tieghu…ghaldaqstant, kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrenti, persuna li tkun tirrisjedi f’fond jew art tal-Gvern ghandha kull rimedju biex jigi dikjarat favur taghha titolu fil-ligi. Bl-istess mod, kuntrarju wkoll ghal dak li gie deciz mill-Onorabbli Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) l-okkupant qabel ma jkun gie zgumbrat fuq ordni tal-Kummissarju ta’ l-Art, huwa jista’ jikkontesta l-allegazzjoni li hu jinsab in okkupazzjoni bla titolu.”* L-appellanti jkomplu jfissru illi <u>wara</u> l-izgumbrar mill-fond, il-persuna zgumbrata xorta tista’ tikkontesta l-allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ titolu bl-azzjonijiet citati aktar ‘l fuq, kif ukoll tista’ tikkontesta l-azzjoni mehuda mill-Kummissarju b’azzjoni taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Huma jiccitaw in sostenn tat-tezi taghhom is-sentenzi ta’ din il-Qorti fl-ismijiet ***Emanuela Vella pro et noe v. Kummissarju ta’ l-Artijiet et*** – deciza fis-27 ta’ Marzu 2003 – u ***Mediterranean Film Studios Limited v. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta et*** – deciza fil-31 ta’ Ottubru 2003.

5. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-argumenti kollha migjuba mill-partijiet, hi tal-fehma li ghalkemm l-ewwel Qorti enuncjat in sostanza korrettement il-ligi u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea applikabbli in materja ghal dak li jirrigwarda *"the right of access to a court"* – u dan principalment billi kkwotat estensivament mill-awturi van Dijk u van Hoof – dik l-istess Qorti ma applikatx ghal kollox korrettement dik l-istess ligi u gurisprudenza ghall-kaz konkret in dizamina. In fatti din il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm fil-kaz *de quo* l-ordni ta' zgumbrament mahrug mill-Kummissarju tal-Artijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett (jew kancellat), kif effettivament ghamlet l-ewwel Qorti, ghax dan l-ordni jippekka kontra l-Artikolu 6 imsemmi, ma hux il-kaz li l-Artikolu 3 tal-Kap. 228 jigi dikjarat li jivvjola l-istess Artikolu 6.

6. Jibda biex jinghad li s-sentenza ta' ***Emanuel Vella*** aktar 'l fuq imsemmija ma hix ta' ghajnuna ghar-risoluzzjoni tal-vertenza in dizamina peress li f'dik is-sentenza din il-Qorti ma dahlitx proprjament fil-kwistjoni tal-Kap. 228. Fil-kaz tal-***Mediterranean Film Studios Limited***, izda, wara li l-Prim Awla kienet iddeklinat milli tezercita s-setghat taghha taht il-Kostituzzjoni u taht il-Kap. 319, din il-Qorti kienet qalet hekk:

"L-ordni ta' zgumbrament meritu ta' dan il-kaz sar in virtu` tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 228, moqri dana l-artikolu flimkien mal-proviso tal-Artikolu 2 tal-Kap. 169 [2]. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, tali ordni jista' jinhareg biss fil-kaz ta' art okkupata 'minghajr ebda titolu jew li tkun moghtija b'*encroachment*', b'mod li jekk jigi allegat li hemm xi titolu (li ma jkunx *encroachment*) tali ordni jista' jigi kontestat fil-qrati ordinarji u bir-rit ordinarju biex tintalab, fost affarijiet ohra, in-nullita` u l-invalidita` ta' dak l-ordni (li hu proprju l-ewwel talba tas-socjeta` rikorrenti appellanti fir-rikors promotorju taghha tal-15 ta' Novembru 2002). L-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti hu fis-sens li l-Kostituzzjoni 'ma tipproteggix biss it-titolu izda anke l-pussess', b'mod li jekk, kif donnha riedet tghid l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, is-socjeta` appellanti

[2] Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.

kellha tkun kostretta li tipprova hi li kellha titolu (f'dan il-kaz it-titolu vantat huwa wiehed ta' kera), dan ikun ifisser 'taqlib ta' l-oneru tal-prova a favur il-Gvern u tfisser ghal kull buon fini t-telfien tad-drittijiet derivanti mill-pussess'. Dana l-aggravju huwa infondat u jirrazenta l-fieragh. Apparti li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jipproteggix il-pussess abuziv ta' proprjeta` – haga li din il-Qorti, pero`, mhux ser tidhol fiha peress li tkun altrimenti qed tidhol fil-meritu li baqa' ma ntmessx mill-ewwel Qorti – il-fatt li s-socjeta` appellanti jkollha tipprova hi li ghandha titolu validu ma jnaqqas xejn mill-effikacja tar-rimedju bir-rit ordinarju, cioe` r-rimedju ta' l-*actio spolii* [3], ta l-azzjoni ghad-danni, ta' l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv ghax dak l-ghemil ikun sar bi ksur tal-ligi jew ikun altrimenti *ultra vires*. Anqas ma huma fondati t-tieni u t-tielet aggravju tas-socjeta` appellanti. Dawn l-aggravji huma fis-sens li r-rimedji (ordinarji) indikati mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma jindirizzawx l-ilmenti tas-socjeta` appellanti u li se mai jinghataw *ex post facto*, jigifieri wara li jkun diga` sar il-ksur tad-dritt jew drittijiet tas-socjeta` appellanti. Is-socjeta` appellanti donnha qed tippretendi li l-uniku rimedju effettiv ghall-ksur vantat huwa dak kostituzzjonali; din il-Qorti, invece, taqbel perfettament ma' l-ewwel Qorti li r-rimedji indikati minnha fis-sentenza appellata huma rimedji potenzjalment effettivi w effikaci jekk jigi pruvat li s-socjeta` appellanti ghandha verament 'titolu validu ta' kera' kif minnha pretiz."

7. Din il-Qorti kkwotat estensivament mis-sentenza ***Mediterranean Film Studios Limited*** ghax hija tal-fehma li ma hemm in principju xejn li jikkozza mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u aktar precisament mad-dritt ta' access ghal Qorti fl-Artikolu 3 tal-Kap. 228. Kif tajjeb osservaw l-apppellanti fir-rikors ta' appell taghhom, il-Kap. 228 gie promulgat biex jiffacilita ir-ripresa tal-pussess da parti ta' Istat ta' proprjeta` li tkun qed tigi okkupata abuzivament,

---

[3] Ghandu jinghad li b'emenda introdotta bl-Att III tas-sena 2004 – u allura wara li s-sentenza ta' ***Mediterranean Film Studios Limited*** – l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili u l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali gew maghmula ma japplikawx ghall-esekuzzjoni ta' ordnijiet ta' zgumbrament mahruga skond l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 228. Dan pero`, kif ser naraw, ma jnaqqasx mill-possibilita` li l-ordni jigi kkontestat qabel l-esekuzzjoni tieghu.

b'mod li meta l-Kummissarju jiddeciedi li art hekk okkupata ghandha tigi zgumbrata, ikun min jippretendi li ghandu dritt jibqa' fuq dik l-art – u mhux il-Kummissarju – li jkollu l-obbligu li jadixxi lill-Qorti, biex juri li huwa verament ghandu titolu u li ghalhekk l-ordni ta' zgumbrament tal-Kummissarju ghandu jigi dikjarat null. Ma hemm xejn fil-ligi – la fil-Kap. 228 u anqas f'xi ligi ohra – li jipprojbixxi lill-persuna li tircievi ordni bhal dak li rcevew il-konjugi Camilleri milli titlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Kummissarju u wara tipprocedi biex titlob dikjarazzjoni ta' l-invalidita` tal-ordni billi tipprova t-titolu taghha. Ix-xenarju huwa, ghalhekk, ferm differenti minn dak li kellha quddiemha din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawza ***Joseph Busuttil noe v. Il-Prim Ministru et*** [4], fejn l-Artikolu 468 (illum imhassar) tal-Kap. 12 kien jipprovdi testwalment li ebda opposizzjoni ma tista' twaqqaf l-ezekuzzjoni ta' mandat ta' qbid ezekuttiv taht l-Artikolu 466 mahrug fuq semplici gurament tal-kap tad-Dipartiment tal-Gvern koncernat – sentenza, dik, li kienet waslet ghas-sostituzzjoni tal-Artikoli 466 u 467 tal-imsemmi Kap. 12 [5].

8. Kif inghad, meta persuna tircievi ordni taht l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 228 hija tista', jekk temmen li verament ghandha dritt ossia titolu fuq l-art in kwistjoni, titlob il-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni u tipprocedi kif aktar 'l fuq imfisser. Il-possibilita` ta' dan ir-rimedju, b'ezami shih tal-fatti kollha u tal-ligi minn Qorti imparzjali w indipendenti, ikun ifisser li hemm dritt ta' access ghall-finijiet ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u f'dan is-sens hija d-decizjoni tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza fl-ismjiet ***Oerlermans v. Netherlands*** [6].

9. Mill-banda l-ohra, pero` – u hawn isib l-iskoll il-kaz ta' l-appellanti – *"to be effective, the right of access also requires that a person be given personal <u>and reasonable notice</u> of an administrative decision that interferes with his 'civil rights and obligations' so that he has time to*

[4] Deciza fl-20 ta' Lulju 1994
[5] Ara l-Artikoli 199 u 200 tal-Att XXIV ta' l-1995.
[6] 27 ta' Novembru 1991

*challenge it in court."* [7] Hekk, per ezempju, fil-kaz ***De Geouffre de la Pradelle v. France*** [8] fejn proprjetarju ta' bicca art ma setax jikkontesta decizjoni amministrattiva rigwardanti dik l-istess art ghax iz-zmien ta' l-appell kien skada qabel ma hu gie notifikat biha, il-Qorti ta' Strasbourg osservat, *inter alia*, hekk:

"The Court reiterates that 'the right to a court' enshrined in Article 6 is not an absolute one. It may be subject to limitations, but these must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired (see, among other authorities, the ***Philis v Greece*** judgment of 27 August 1991, Series A no. 209, p. 20, para. 59)…In sum, the applicant was entitled to expect a coherent system that would achieve a fair balance between the authoritues' interests and his own; in particular he should have had a clear, practical and effective opportunity to challenge an administrative act that was a direct interference with his right of property…"[9]

10. Fil-kaz in dizamina wkoll wiehed ghandu jippretendi li jkun hemm bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` -- rappresentati mill-Kummissarju -- li art li allegatament persuna m'ghandhiex titolu fuqha tigi lura f'idejn l-Istat minghajr dewmien inutili, u l-interessi ta' min jippretendi li ghandu titolu fuq dik l-art li jkollu opportunita` ragjonevoli li jikkawtela dak it-titolu, kontestat lilu mill-Kummissarju, billi jirrikorri quddiem il-Qrati. Issa, kif diga` gie osservat, mill-ftit provi f'din il-kawza, jirrizulta li l-kunjugi Camilleri, meta gew notifikati bl-ordni ta' zgumbrament (ara kopja tad-dokument a fol. 17 ta' l-atti), inghataw biss tlett ijiem biex johorgu 'l barra minn dawk l-ambjenti li, sa dak iz-zmien huma kienu jqisu bhala parti mid-dar ta' abitazzjoni taghhom. Anke li kieku dan il-periodu kien erbat ijiem (kif gie, stranament, verbalizzat kemm minn Dott. Joseph Brincat kif ukoll minn Dott. Cynthia Scerri Debono fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2006), u minkejja l-fatt li jidher li

---

[7] Harris D. J., O'Boyle M. u Warbrick C. **Law of the European Convention on Human Rights** Butterworts (London), 1995, p. 198; sottolinear ta' din il-Qorti.
[8] Deciza fis-16 ta' Dicembru 1992.
[9] Paragrafi 28 u 34.

gheluq dawn it-tlett ijiem il-Kummissarju ma hax passi immedjati, tali zmien <u>hu manifestament irrizorju biex persuna tkun mistennija tipprocedi gudizzjarjament biex twaqqaf l-ezekuzzjoni ta' dak l-ordni</u> billi tipprova t-titolu taghha. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li toqghod tispekula kemm jew x'ghandu jkun zmien adegwat, bhalma ma hix ser tispekula x'jigri jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, Qorti ma takkordax il-hrug ta' mandat ta' inbizzjoni – din il-Qorti sejra biss terga' tirreferi ghas-sentenza ***Joseph Busuttil noe v. Il-Prim Ministru et*** ga msemmija u ghall-emendi li gew effetwati in segwitu ghaliha fl-Artikoli 466, 467 u 468 tal-Kap. 12 bhala indikazzjoni tat-triq li tista' tigi segwita.

11. Ghalhekk fil-kaz in dizamina, id-dritt ta' l-appellati ghal access ghal qorti, garantit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, gie lez mhux bl-Artikolu 3(1) tal-Kap. 228 *ut sic* izda bil-mod ta' kif il-Kummissarju ta' l-Artijiet ghazel li jipprocedi u japplika dana l-artikolu fil-kaz konkret. Jizdied jinghad fl-ahhar nett li fir-rikors ta' appell, l-Avukat Generali mhux qed jilmenta li hu kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, u ghalhekk din il-Qorti, ghalkemm hi tal-fehma li hu gie involut inutilment f'din il-kawza, ma tistax tordna l-liberazzjoni tieghu minn tali osservanza.

12. Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha biss f'dik il-parti fejn iddikjarat nulla, bla effett u kancellata l-ordni ta' zgumbrament mahrug mill-Kummissarju tal-Art (Artijiet) fil-konfront tal-konjugi Camilleri fit-8 ta' Novembru 2004 (u dan in kwantu dan l-ordni, kif inhareg, jivvjola d-dritt fondamentali ta' l-istess konjugi kif protett bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni), thassarha u tirrevokaha fil-bqija. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez kollha, kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet involuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------